2026/1121

21.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1121

tal-5 ta' Mejju 2026

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tal-Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u afferma li r-Russja ġġorr ir-responsabbiltà sħiħa għal dan l-att ta' aggressjoni u li ser tinżamm responsabbli għalih.

(2) Fir-riżoluzzjoni A/RES/ES-11/1 tat-2 ta' Marzu 2022, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) rrikonoxxiet li l-operazzjonijiet militari tal-Federazzjoni Russa fit-territorju sovran tal-Ukrajna kienu fuq skala li l-komunità internazzjonali ma kinitx rat fl-Ewropa f'għexieren ta' snin, ikkundannat bl-aktar mod qawwi l-aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna bi ksur tal-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-projbizzjoni tal-użu tal-forza u talbet li l-Federazzjoni Russa twaqqaf minnufih l-użu tal-forza tagħha kontra l-Ukrajna u tirtira immedjatament, kompletament u mingħajr kundizzjonijiet il-forzi militari kollha tagħha mit-territorju tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

(3) Fit-2 ta' Marzu 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) ħabbar li kien ipproċeda biex jiftaħ investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna abbażi tar-riferimenti ta' dik is-sitwazzjoni li waslu minn 39 Stat Parti għall-QKI u abbażi tal-konstatazzjoni li hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li twettqu delitti fil-ġuriżdizzjoni tal-QKI. Madankollu, ir-reġim ġuriżdizzjonali għad-delitt ta' aggressjoni fl-Istatut ta' Ruma bħalissa jżomm lill-QKI milli teżerċita l-ġuriżdizzjoni tagħha fir-rigward tad-delitt ta' aggressjoni fis-sitwazzjoni tal-Ukrajna.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Ewropew stieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") u lill-Kummissjoni jesploraw għażliet sabiex tkun tista' tiġi żgurata responsabbiltà sħiħa, fosthom għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill Ewropew laqa' l-isforzi biex jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż modi biex jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà għad-delitt ta' aggressjoni, u inkoraġixxa aktar sforzi bħal dawn. Huwa stieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill imexxu l-ħidma 'l quddiem, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, filwaqt li saħaq li l-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni tikkonċerna lill-komunità internazzjonali kollha kemm hi.

(5) Fir-Riżoluzzjoni A/RES/ES-11/6 tat-23 ta' Frar 2023, l-Assemblea Ġenerali tan-NU enfasizzat il-ħtieġa li tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-aktar delitti serji skont id-dritt internazzjonali mwettqa fit-territorju tal-Ukrajna permezz ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet xierqa, ġusti u indipendenti fil-livell nazzjonali jew dak internazzjonali u li tiġi żgurata l-ġustizzja għall-vittmi kollha u l-prevenzjoni ta' delitti futuri.

(6) Mill-bidu ta' Jannar 2023, rappreżentanti ta' madwar 40 Stat, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa ltaqgħu fil-kuntest tal-Koalizzjoni dwar l-Istabbiliment ta' Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (il-"Grupp Prinċipali") u ddiskutew il-modalitajiet tal-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali bis-setgħa tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-proċess ta' persuni li jġorru l-akbar responsabbiltà għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.

(7) Fit-3 ta' Lulju 2023, iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) tnieda fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' investigazzjoni nazzjonali biex tiġi żgurata investigazzjoni xierqa tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, appoġġat mill-kapaċitajiet imsaħħa tal-Eurojust abbażi tar-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li jippermetti lill-Eurojust tippreserva, tanalizza u taħżen evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.

(8) Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju, Ottubru u Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-appoġġ tiegħu għall-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li jeħtieġ li l-Federazzjoni Russa u t-tmexxija tagħha jinżammu kompletament responsabbli għat-twettiq ta' gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u għal delitti oħra l-aktar serji skont id-dritt internazzjonali, kif ukoll għall-ħsara massiva kkawżata mill-gwerra tagħha. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew iddikjara li jappoġġa l-isforzi, inkluż fil-Grupp Prinċipali biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna li jgawdi l-akbar appoġġ u leġittimità transreġjonali.

(9) Fil-21 ta' Marzu 2025, il-Grupp Prinċipali kkonkluda l-ħidma tiegħu fil-livell tekniku dwar l-abbozz ta' strumenti legali meħtieġa għal-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Ukrajna u l-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali, l-Istatut tat-Tribunal Speċjali anness ma' dak il-Ftehim, u l-Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Tribunal Speċjali.

(10) Fid-9 ta' Mejju 2025, il-Ministri għall-Affarijiet Barranin u rappreżentanti oħra tal-parteċipanti fil-Grupp Prinċipali ltaqgħu fi Lviv u adottaw id-"Dikjarazzjoni ta' Lviv" li fihaaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-proċess tal-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa, għall-bidu rapidu tal-operat tiegħu, u għall-appoġġ tal-funzjonament effettiv tiegħu.

(11) Fl-24 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (il-"Kumitat tal-Ministri") adotta d-Deċiżjonijiet li jawtorizzaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa jiffirma, f'isem il-Kunsill tal-Ewropa, il-Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Ukrajna dwar l-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (il-"Ftehim dwar l-Istabbiliment tat-Tribunal Speċjali"), li miegħu huwa anness l-Istatut tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Ministri awtorizza l-istabbiliment ta' Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (il-"Ftehim Parzjali Estiż").

([1]) Ir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/838/oj).

(12) Fil-25 ta' Ġunju 2025, il-President tal-Ukrajna u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa ffirmaw il-Ftehim dwar l-Istabbiliment tat-Tribunal Speċjali.

(13) F'konformità mal-Istatut tiegħu, it-Tribunal Speċjali għandu l-għan li jipprosegwixxi u jipproċessa mexxejja politiċi u militari li huma responsabbli għal atti ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna bi ksur tal-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Tribunal Speċjali li għandu jiġi stabbilit bir-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż għandu l-għan li jipprovdi l-mezzi finanzjarji għat-Tribunal Speċjali u li jappoġġa aspetti amministrattivi u ta' tmexxija oħra tal-operat tiegħu, bil-ħsieb li t-Tribunal Speċjali jkun jista' jwettaq il-mandat tiegħu.

(14) Fil-21 ta' Jannar 2026, il-Kumitat tal-Ministri adotta Deċiżjoni li tilqa' l-finalizzazzjoni tal-abbozz ta' Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż kif ukoll tilqa l-fatt li t-Tim Preparatorju kien lest li jwettaq il-kompiti tiegħu mill-1 ta' Jannar 2026, bis-saħħa ta' kontribuzzjoni volontarja mill-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, fit-22 ta' Jannar 2026, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni ffirmaw ftehim ta' kontribuzzjoni għal kontribuzzjoni ffinanzjata permezz tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija tal-Kummissjoni Ewropea. Dak il-ftehim ta' kontribuzzjoni jipprevedi proġett ta' mhux aktar minn 24 xahar bl-għan li jiġi stabbilit Tim Preparatorju biex iħejji l-pedamenti istituzzjonali, loġistiċi u organizzazzjonali għall-fażijiet li jmiss tat-Tribunal Speċjali.

(15) Skont l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 21(2) u (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni għandha ssostni u tippromwovi l-valuri tagħha u tikkontribwixxi għall-osservanza stretta u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, inkluż ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(16) Għalhekk huwa xieraq li l-Unjoni tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa bl-intenzjoni tagħha li tingħaqad mal-Ftehim Parzjali Estiż, soġġett għat-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa biex tesprimi l-approvazzjoni tagħha li tintrabat, u li tipparteċipa fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tar-rappreżentanti fil-Kumitat tal-Ministri ta' mill-inqas 16-il Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tar-rappreżentanti tal-Unjoni li jadottaw ir-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tal-Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (il-"Ftehim Parzjali Estiż") għandha tkun li s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa jiġi nnotifikat bl-intenzjoni tal-Unjoni li tissieħeb fil-Ftehim Parzjali Estiż, filwaqt li tiġi riżervata n-notifika tat-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għall-konklużjoni tal-Ftehim Parzjali Estiż, u li tipparteċipa fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tar-rappreżentanti fil-Kumitat tal-Ministri ta' mill-inqas 16-il Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tar-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea li jadottaw ir-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż.

L-abbozz tad-Deċiżjoni u l-abbozz tar-Riżoluzzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Bidliet formali u minuri fit-testi tal-abbozz ta' Deċiżjoni u tal-abbozz ta' Riżoluzzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu u li ma jaffettwawx is-sustanza ta' dawk it-testi, jistgħu jiġu miftiehma mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. KERAVNOS

ABBOZZ

ta' Riżoluzzjoni CM/Res(2026)…

li jistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna

Ir-rappreżentanti fil-Kumitat tal-Ministri ta' …, kif ukoll ir-rappreżentanti ta' …,

Wara li kkunsidraw l-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa (ETS Nru 1), li fil-preambolu tiegħu jenfasizza li l-insegwiment tal-paċi fuq il-bażi tal-ġustizzja u tal-kooperazzjoni internazzjonali huwa vitali għall-preservazzjoni tas-soċjetà umana u taċ-ċivilizzazzjoni;

Filwaqt li jfakkru fl-obbligi tal-Istati kollha skont l-Artikolu 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, inklużi l-obbligi li, fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom, iżommu lura milli jheddu jew jużaw il-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat, jew bi kwalunkwe mod ieħor li ma jkunx konsistenti mal-iskopijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, u li jsolvu t-tilwim internazzjonali tagħhom b'mezzi paċifiċi;

Filwaqt li jtennu l-impenn sod tagħhom għall-indipendenza, għas-sovranità u għall-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment;

Filwaqt li jfakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/68/262 tas-27 ta' Marzu 2014, talbet lill-Istati kollha biex itemmu u jżommu lura minn azzjonijiet immirati lejn it-tfixkil parzjali jew totali tal-unità nazzjonali u tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż kwalunkwe tentattiv biex jiġu mmodifikati l-fruntieri tal-Ukrajna permezz tat-theddid jew tal-użu tal-forza jew ta' mezzi illegali oħra;

Filwaqt li jfakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/71/205 tad-19 ta' Diċembru 2016, tenniet ir-responsabbiltà tal-Istati kollha li jżommu lura milli jheddu jew jużaw il-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat u milli jaġixxu bi kwalunkwe mod ieħor li ma jkunx konsistenti mal-iskopijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u ħeġġet lill-Federazzjoni Russa biex teħles minnufih liċ-ċittadini Ukreni li ġew detenuti illegalment u ġġudikati mingħajr ma tqiesu l-istandards elementari tal-ġustizzja;

Filwaqt li jfakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/73/194 tas-17 ta' Diċembru 2018, ikkundannat l-okkupazzjoni temporanja tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol, u fakkru li din l-okkupazzjoni temporanja u t-theddid jew l-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa huma kontravenzjoni tal-impenji meħuda biex jiġu rrispettati l-indipendenza u s-sovranità u l-fruntieri eżistenti tal-Ukrajna;

Filwaqt li jfakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/76/70 tad-9 ta' Diċembru 2021, ħeġġet lill-Federazzjoni Russa biex tirtira kompletament u mingħajr kundizzjonijiet il-forzi militari tagħha mill-Krimea u ttemm l-okkupazzjoni temporanja tagħha tat-territorju tal-Ukrajna mingħajr dewmien u enfasizzat ukoll li l-preżenza tat-truppi Russi fil-Ukrajna tmur kontra s-sovranità nazzjonali, l-indipendenza politika u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u xxekkel is-sigurtà u l-istabbiltà tal-pajjiżi ġirien u tar-reġjun Ewropew;

Filwaqt li jfakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/ES-11/1 tat-2 ta' Marzu 2022, filwaqt li tirrikonoxxi li l-operazzjonijiet militari tal-Federazzjoni Russa ġewwa t-territorju sovran tal-Ukrajna kienu fuq skala li l-komunità internazzjonali ma kinitx rat fl-Ewropa għal għexieren ta' snin, iddeplorat bl-aktar mod qawwi l-aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna bi ksur tal-Artikolu 2, il-paragrafu 4, tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, esiġiet li l-Federazzjoni Russa twaqqaf immedjatament l-użu tal-forza tagħha kontra l-Ukrajna u ddeplorat l-involviment tal-Belarussja f'dan l-użu illegali tal-forza kontra l-Ukrajna;

Filwaqt li fakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/ES-11/6 tat-23 ta' Frar 2023, enfasizzat il-ħtieġa li tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-aktar delitti serji skont id-dritt internazzjonali mwettqa fit-territorju tal-Ukrajna permezz ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet xierqa, ġusti u indipendenti fil-livell nazzjonali jew internazzjonali, u li jiġu żgurati l-ġustizzja għall-vittmi kollha u l-prevenzjoni ta' delitti futuri;

Filwaqt li jfakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/79/184 tas-17 ta' Diċembru 2024, ikkundannat il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa bi ksur tal-Artikolu 2, il-paragrafu 4, tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-użu tal-Krimea għal dan u biex tappoġġa t-tentattiv ta' annessjoni illegali tal-oblasts ta' Kherson, Zaporizhzhia, Donetsk u Luhansk;

Filwaqt li jfakkru li, fil-15 ta' Marzu 2022, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa permezz tal-Opinjoni 300 (2022) ikkundannat l-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna bl-aktar mod qawwi, filwaqt li nnotat li l-eskalazzjoni tal-attivitajiet militari mill-24 ta' Frar 2022 kienet tirrappreżenta kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna mill-20 ta' Frar 2014;

Filwaqt li jfakkru li, fis-16 ta' Marzu 2022, il-Kumitat tal-Ministri ddeċieda li jeskludi lill-Federazzjoni Russa mill-Kunsill tal-Ewropa bħala riżultat tal-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, peress li tali aggressjoni tikkostitwixxi ksur serju mill-Federazzjoni Russa tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 3 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa u skont id-dritt internazzjonali;

Konvinti mill-ħtieġa imperattiva li tiġi żgurata responsabbiltà komprensiva fil-kuntest tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol li l-Kunsill tal-Ewropa kellu fl-għoti ta' rispons robust għal din l-aggressjoni, kif imfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Reykjavik adottata fir-raba' Summit tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Kunsill tal-Ewropa fis-16 u fis-17 ta' Mejju 2023 u fl-Appendiċi I tagħha intitolata "Dikjarazzjoni b'appoġġ għall-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tal-Ħsara Kkawżata mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna";

Filwaqt li jfakkru fil-Karta tat-Tribunal Militari Internazzjonali tat-8 ta' Awwissu 1945, li l-Artikolu 6.*a* tagħha stabbilixxa r-responsabbiltà kriminali individwali għal delitti kontra l-paċi;

Filwaqt li jfakkru l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u jirrikonoxxu l-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, iżda jirrikonoxxu wkoll li, minkejja li l-Ukrajna rratifikat fil-25 ta' Ottubru 2024 u saret Stat Parti għall-Istatut ta' Ruma fl-1 ta' Jannar 2025, ir-reġim ġuriżdizzjonali għad-delitt ta' aggressjoni fl-Istatut ta' Ruma jipprevjeni lill-Qorti Kriminali Internazzjonali milli teżerċita ġuriżdizzjoni fir-rigward tad-delitt ta' aggressjoni f'dan il-kuntest partikolari;

Filwaqt li jirrikonoxxu l-isforzi taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA, International Centre for the Prosecution of the Crime of Aggression against Ukraine) fil-koordinazzjoni u fit-tisħiħ tal-investigazzjonijiet nazzjonali dwar id-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, sabiex tiġi żgurata investigazzjoni xierqa dwar id-delitt ta' aggressjoni;

Filwaqt li jfakkru li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tagħha A/RES/79/284 tas-16 ta' April 2025, irrikonoxxiet il-kontribut tal-Kunsill tal-Ewropa għall-ħidma tal-grupp ewlieni għat-twaqqif ta' tribunal speċjali għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u r-rieda tiegħu li jeżamina l-għażliet possibbli biex jipprovdi appoġġ espert u tekniku għat-twaqqif u, kif xieraq, għat-tħaddim ta' tribunal speċjali bħal dan;

Wara li kkunsidraw ir-Riżoluzzjoni Statutorja Res(93)28 tal-Kumitat tal-Ministri dwar ftehimiet parzjali u estiżi;

Wara li kkunsidraw ir-Riżoluzzjoni Res(96)36 tal-Kumitat tal-Ministri li tistabbilixxi l-kriterji għal ftehimiet parzjali u estiżi tal-Kunsill tal-Ewropa, kif emendata bir-Riżoluzzjoni CM/Res(2010)2;

Konxji mill-ħtieġa li jiġi pprovdut forum li fih dawk li ma humiex membri tal-Kunsill tal-Ewropa jistgħu jipparteċipaw ukoll fl-inizjattivi tal-Kunsill tal-Ewropa biex tiġi miġġielda l-impunità għal delitti internazzjonali;

Wara li kkunsidraw id-deċiżjonijiet tal-24 ta' Ġunju 2025 li biha l-Kumitat tal-Ministri awtorizza t-twaqqif tal-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat ta' Ġestjoni") fil-forma ta' ftehim parzjali estiż fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa u awtorizza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa (minn hawn 'il quddiem "is-Segretarju Ġenerali") biex jiffirma l-Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Ukrajna dwar it-Twaqqif tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") f'isem il-Kunsill tal-Ewropa;

Jiddeċiedu li jistabbilixxu l-Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna rregolat mill-Istatut tal-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem "l-Istatut") mehmuż hawnhekk;

Jistiednu lill-Istati membri u osservaturi kollha tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll lil Stati oħra u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex isiru membri ta' dan il-Ftehim Parzjali Estiż, f'konformità ma' dan l-Istatut;

Jappellaw lill-Istati membri u osservaturi kollha tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Unjoni Ewropea, lin-Nazzjonijiet Uniti u lil Stati oħra u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jikkooperaw mal-Kumitat ta' Ġestjoni u mat-Tribunal Speċjali sabiex jiffaċilitaw il-ħidma tiegħu u l-eżekuzzjoni tal-mandat tiegħu.

Appendiċi għar-Riżoluzzjoni CM/Res(2026)…

L-Istatut tal-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna

Artikolu 1

L-għan tal-Kumitat ta' Ġestjoni

1. Il-Kumitat ta' Ġestjoni huwa b'dan stabbilit bħala pjattaforma għall-kooperazzjoni intergovernattiva, filwaqt li jaġixxi fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. L-għan tal-Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna huwa li jiffinanzja t-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem "it-Tribunal Speċjali") u li jassisti f'aspetti amministrattivi u maniġerjali oħra tal-operat tiegħu bl-għan li t-Tribunal Speċjali jkun jista' jwettaq il-mandat tiegħu kif stabbilit fl-Istatut tat-Tribunal Speċjali.

Artikolu 2

Funzjonijiet tal-Kumitat ta' Ġestjoni

Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu:

a. jiżgura l-għoti tal-finanzjament neċessarju għat-Tribunal Speċjali u għall-Kumitat ta' Ġestjoni, inkluż is-segretarjat tiegħu;

b. japprova l-baġit annwali tan-nefqa tat-Tribunal Speċjali, kif imħejji mis-Segretarju Ġenerali f'konsultazzjoni mar-Reġistratur tat-Tribunal Speċjali;

c. jadotta r-rapport ta' attività tat-Tribunal Speċjali, kif imħejji mill-President tat-Tribunal Speċjali;

d. jipprovdi pariri mhux ġudizzjarji u direzzjoni politika dwar l-aspetti amministrattivi kollha tal-operat tat-Tribunal Speċjali, inklużi kwistjonijiet ta' effiċjenza;

e. jirrakkomanda lill-membri u lill-membri assoċjati miżuri biex javvanzaw l-għanijiet tat-Tribunal Speċjali u tal-Kumitat ta' Ġestjoni;

f. ifassal regoli ta' proċedura li jirregolaw il-ħidma tal-Kumitat ta' Ġestjoni u kwalunkwe arranġament ieħor meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu, u jirrieżamina r-Regoli ta' Proċedura u Evidenza adottati mill-imħallfin tat-Tribunal Speċjali u kwalunkwe emenda għalihom;

g. jikkunsidra u jadotta strateġiji, kif xieraq, biex ikompli javvanza l-appoġġ interreġjonali għat-Tribunal Speċjali;

h. jaħtar membri għall-bord konsultattiv u jeleġġi mħallfin, il-Prosekutur tat-Tribunal Speċjali (minn hawn 'il quddiem "il-Prosekutur") u l-Viċi Prosekuturi f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Istatut tat-Tribunal Speċjali;

i. jiżgura l-kooperazzjoni effettiva tal-membri u tal-membri assoċjati fis-setturi rilevanti kollha, fuq il-bażi ta' sistema ta' kondiviżjoni tal-piżijiet;

j. jadotta regoli li jirregolaw it-tranżizzjoni għal mekkaniżmu residwu, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tax-xhieda, is-superviżjoni tal-infurzar tas-sentenzi, l-ipproċessar tat-talbiet għal rilaxx bikri, interim u finali, il-preservazzjoni tal-evidenza u tar-rekords tat-Tribunal Speċjali, u l-finanzjament ta' funzjonijiet residwi bħal dawn;

k. jikkunsidra arranġamenti għat-tranżizzjoni koordinata ta' ċerti funzjonijiet residwi mhux ġudizzjarji tat-Tribunal Speċjali għall-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tar-rekords u tal-arkivji;

l. jikkunsidra mekkaniżmi biex jassistu lill-membri u lill-membri assoċjati bl-ispejjeż relatati mal-infurzar tas-sentenzi, mar-rilaxx ta' persuni kkundannati u mal-protezzjoni tax-xhieda wara t-terminazzjoni tal-Ftehim Parzjali Estiż, inkluż possibbilment permezz tal-istabbiliment ta' fond fiduċjarju; kif ukoll

m. iwettaq kwalunkwe funzjoni oħra neċessarja biex jeżegwixxi l-mandat tiegħu.

Artikolu 3

Parteċipazzjoni

1. Kwalunkwe Stat membru jew osservatur tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe Stat ieħor li vvota favur ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/ES-11/6 tat-23 ta' Frar 2023, u kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni internazzjonali li pparteċipaw fil-Grupp Ewlieni dwar it-Twaqqif ta' Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna jistgħu jsiru membru jew membru assoċjat tal-Kumitat ta' Ġestjoni permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali.

2. Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali li jkunu talbu dan sabiex jissieħbu fil-Kumitat ta' Ġestjoni bħala membru jew membru assoċjat.

3. Il-membri assoċjati jistgħu jsiru membri, fi kwalunkwe ħin, permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali.

Artikolu 4

Kompożizzjoni

1. Kull membru għandu jaħtar delegazzjoni għall-Kumitat ta' Ġestjoni li tikkonsisti f'mhux aktar minn żewġ rappreżentanti, u kull membru assoċjat jista' jagħmel hekk ukoll. Wieħed mir-rappreżentanti għandu jinħatar bħala kap tad-delegazzjoni.

2. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jeleġġi minn fost il-membri tiegħu President u żewġ Viċi President għal perjodu mhux rinnovabbli ta' tliet snin.

Artikolu 5

Laqgħat

1. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jiltaqa' kemm-il darba jkun neċessarju, iżda tal-anqas darba fis-sena. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni relatati mal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni għandhom jitħallsu minn kull membru u membru assoċjat. Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jeżerċita t-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' proċedura bil-miktub u b'mezzi elettroniċi.

2. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Ġestjoni għandha tissejjaħ mis-Segretarju Ġenerali. Kwalunkwe laqgħa oħra u l-post tagħha għandhom jiġu ddeterminati b'deċiżjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni.

3. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, fejn kull membru jkollu vot wieħed. Il-kwistjonijiet proċedurali għandhom jiġu riżolti b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, il-membri assoċjati jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni mingħajr id-dritt tal-vot. Il-membri assoċjati jistgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet bil-fomm jew bil-miktub fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni.

5. Il-membri assoċjati li jkunu għamlu kontribuzzjonijiet volontarji lill-Kumitat ta' Ġestjoni f'ammont ugwali għall-ammont iddeterminat mill-Kumitat ta' Ġestjoni f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan l-Istatut, għandu jkollhom il-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-membri matul is-sena finanzjarja li għaliha jkunu għamlu t-tali kontribuzzjoni.

6. Is-Segretarju Ġenerali jista' jipparteċipa jew ikun irrappreżentat fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni mingħajr id-dritt tal-vot. Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jistieden rappreżentanti ta' korpi rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali biex jattendu l-laqgħat tiegħu jew parti mil-laqgħat tiegħu, mingħajr drittijiet tal-vot, skont il-punti fuq l-aġenda tiegħu. Jista' jistieden ukoll esperti biex ikunu preżenti għal punti speċifiċi tal-aġenda tiegħu, mingħajr id-dritt tal-vot.

Artikolu 6

Segretarjat

1. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jkun assistit minn segretarjat ipprovdut mis-Segretarju Ġenerali. Is-segretarjat għandu jkun immexxi minn Segretarju Eżekuttiv maħtur mis-Segretarju Ġenerali.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun intitolat li jidħol f'kuntratti u f'arranġamenti f'isem il-Kumitat ta' Ġestjoni mal-approvazzjoni tiegħu.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jwettaq il-funzjonijiet li ġejjin:

a. isejjaħ il-laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni, f'konsultazzjoni mal-President;

b. ikollu responsabbiltà ta' kuljum għas-sorveljanza u għall-amministrazzjoni tal-ħidma tas-segretarjat tal-Kumitat ta' Ġestjoni;

c. flimkien mas-segretarjat, jiżgura l-appoġġ amministrattiv u organizzazzjonali għall-ħidma tal-Kumitat ta' Ġestjoni, inklużi l-kollegament u t-tħejjija regolari tal-laqgħat tiegħu;

d. iżomm kuntatt mal-President u mar-Reġistratur tat-Tribunal Speċjali dwar materji relatati mal-ħidma tal-Kumitat ta' Ġestjoni;

e. ikun responsabbli biex jibgħat dokumenti mill-President u mir-Reġistratur tat-Tribunal Speċjali lill-Kumitat ta' Ġestjoni;

f. iżomm kuntatt ma' korpi nazzjonali u internazzjonali rilevanti dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-Kumitat ta' Ġestjoni;

g. iżomm kuntatt mal-gvern tal-Istat ospitanti u tal-Ukrajna dwar diversi kwistjonijiet amministrattivi relatati mal-ħidma tal-Kumitat ta' Ġestjoni; kif ukoll

h. iwettaq kwalunkwe funzjoni oħra mogħtija lilu jew lilha minn dan l-Istatut.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jwettaq kwalunkwe funzjoni oħra assenjata mill-Kumitat ta' Ġestjoni.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu, is-segretarjat għandu jkollu awtonomija amministrattiva sħiħa mill-Kunsill tal-Ewropa u mill-korpi tiegħu.

6. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Kunsill tal-Ewropa għandhom japplikaw għas-segretarjat, soġġetti għall-Artikolu 11 ta' dan l-Istatut.

Artikolu 7

Indipendenza

1. Kif stabbilit mill-Istatut tat-Tribunal Speċjali, l-imħallfin, il-Prosekutur, il-Viċi Prosekutur(i) u l-persunal tat-Tribunal Speċjali għandhom ikunu indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

2. Kull membru u membru assoċjat tal-Kumitat ta' Ġestjoni, kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi tiegħu, jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw l-indipendenza tat-Tribunal Speċjali, inkluż il-persunal, l-imħallfin, il-Prosekutur, il-Viċi Prosekutur (i) u l-uffiċċji tiegħu, u li ma jfittxux li jinfluwenzawhom fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom. Kull membru u membru assoċjat jimpenja ruħu li jirrispetta l-karattru esklużivament indipendenti tas-segretarjat u li ma jfittixx li jinfluwenzah fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu.

3. F'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal tal-Kunsill tal-Ewropa, fil-qadi ta' dmirijiethom, il-membri tas-segretarjat la għandhom ifittxu u lanqas jaċċettaw struzzjonijiet mingħand kwalunkwe gvern, awtorità, organizzazzjoni mhux governattiva jew parti terza oħra.

Artikolu 8

Finanzjament u baġit

1. Il-Ftehim Parzjali Estiż għandu jkollu l-baġit tiegħu stess f'konformità mar-Riżoluzzjoni Statutorja Res(93)28, li tinkludi l-baġit tan-nefqa tat-Tribunal Speċjali u tal-Kumitat ta' Ġestjoni. Il-baġit għandu jiġi ffinanzjat permezz tal-kontribuzzjonijiet annwali tal-membri tiegħu u l-kontribuzzjonijiet volontarji tal-membri assoċjati tiegħu.

2. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjonijiet annwali tal-membri tiegħu u l-kontribuzzjonijiet volontarji rakkomandati tal-membri assoċjati tiegħu. Jeħtieġ li, bħala regola, dawn il-kontribuzzjonijiet ikunu bbażati fuq il-kriterji għad-determinazzjoni tal-iskala annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-baġit ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa u jistgħu jiġu aġġustati f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija bbażata dik l-iskala, filwaqt li titqies ukoll kwalunkwe kontribuzzjoni oħra magħmula f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu.

3. Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jirċievi u juża għotjiet volontarji addizzjonali u kontribuzzjonijiet oħra konnessi mal-ħidma tiegħu, inklużi kontribuzzjonijiet in natura u persunal sekondat. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet u mal-funzjonijiet tal-Kumitat ta' Ġestjoni.

4. Kull sena, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu japprova l-baġit tan-nefqa tat-Tribunal Speċjali, kif propost mis-Segretarju Ġenerali f'konsultazzjoni mar-Reġistratur tat-Tribunal Speċjali. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jadotta wkoll il-baġit tan-nefqa tiegħu stess u dak tas-segretarjat tiegħu, kif imfassal mis-Segretarju Ġenerali.

5. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu japprova kull sena l-kontijiet annwali tal-Ftehim Parzjali Estiż, li għandhom jitfasslu mis-Segretarju Ġenerali f'konformità mar-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolamenti Finanzjarji") u jiġu ppreżentati lill-Kumitat ta' Ġestjoni akkumpanjati mir-rapport tal-awditur estern, kif previst fir-Regolamenti Finanzjarji.

6. Sabiex jagħti kwittanza lis-Segretarju Ġenerali mir-responsabbiltà għall-ġestjoni tas-sena finanzjarja inkwistjoni, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Kumitat tal-Ministri l-kontijiet annwali tal-Ftehim Parzjali Estiż, flimkien mal-approvazzjoni tiegħu jew kwalunkwe kumment, u r-rapporti mfassla mill-awditur estern, kif previst fir-Regolamenti Finanzjarji.

7. Ir-Regolamenti Finanzjarji għandhom japplikaw għall-adozzjoni u għall-ġestjoni tal-baġit tal-Ftehim Parzjali Estiż, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut.

8. Ir-riżorsi finanzjarji tal-Kumitat ta' Ġestjoni għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Kunsill tal-Ewropa (ETS Nru 2).

Artikolu 9

Kooperazzjoni

1. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jfittex li jikkoopera mas-sħab nazzjonali u internazzjonali rilevanti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-mandat tiegħu.

2. Kull membru jew membru assoċjat għandu jfittex li jikkoopera, fil-limiti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, mal-Kumitat ta' Ġestjoni, mal-Ukrajna u mal-Istat ospitanti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-Kumitat ta' Ġestjoni.

3. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jfittex li jiżgura kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet fil-forom rilevanti kollha ta' kooperazzjoni mat-Tribunal Speċjali u għandu jiddiskuti l-modalitajiet preferibbli ta' kooperazzjoni bejn it-Tribunal Speċjali u l-membri u l-membri assoċjati tal-Kumitat ta' Ġestjoni. Il-membri u l-membri assoċjati tal-Kumitat ta' Ġestjoni jagħmlu ħilithom biex jikkonkludu l-ftehimiet u l-arranġamenti neċessarji biex jiffaċilitaw l-operat effettiv tat-Tribunal Speċjali, inkluż dwar materji bħall-identifikazzjoni u l-lokalizzazzjoni ta' persuni; in-notifika ta' dokumenti; l-arrest, it-trasferiment jew id-detenzjoni ta' persuni; il-protezzjoni u r-rilokazzjoni tax-xhieda; u l-infurzar ta' pieni.

4. Il-membri u l-membri assoċjati tal-Kumitat ta' Ġestjoni jinnotaw li d-dħul fis-seħħ tal-ftehim tal-Istat ospitanti li jippermetti l-eżerċitar tal-ġuriżdizzjoni tat-Tribunal Speċjali fit-territorju tal-Istat ospitanti jiddependi fuq il-konklużjoni ta':

a. 10 ftehimiet ta' kooperazzjoni, u

b. numru minimu ta' impenji relatati mal-kooperazzjoni f'kull wieħed mill-oqsma li ġejjin:

i. il-protezzjoni u r-rilokazzjoni tax-xhieda;

ii. l-infurzar ta' pieni;

iii. ir-rilaxx, inkluż ir-rilaxx interim.

Artikolu 10

Kunfidenzjalità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kumitat ta' Ġestjoni, il-laqgħat u d-dokumenti tiegħu għandhom jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali.

Artikolu 11

Derogi mir-regoli u mir-regolamenti tal-Kunsill tal-Ewropa

Il-Kumitat ta' Ġestjoni, bl-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri, jista' jidderoga mir-regoli u mir-regolamenti applikabbli tal-Kunsill tal-Ewropa jekk dan ikun meħtieġ għall-eżerċizzju effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kumitat ta' Ġestjoni.

Artikolu 12

Emendi

1. Il-membri jistgħu jipproponu emendi għal dan l-Istatut.

2. Kwalunkwe proposta għal emenda għandha tiġi kkunsidrata mill-Kumitat ta' Ġestjoni. L-emendi proposti għandhom jiġu adottati mill-Kumitat ta' Tmexxija bil-maġġoranza ta' żewġ terzi stipulata fl-Artikolu 5(3) ta' dan l-Istatut u b'deċiżjoni bi kliem identiku tal-Kumitat tal-Ministri, fil-kompożizzjoni tiegħu ristretta għar-rappreżentanti tal-Istati li huma membri tal-Kumitat ta' Tmexxija, adottata bil-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 20.*d* tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa.

3. It-test ta' kwalunkwe emenda adottata mill-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat tal-Ministri għandu jintbagħat mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa lill-membri għall-aċċettazzjoni.

4. Kwalunkwe emenda adottata f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data li fiha l-membri kollha jkunu infurmaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa li huma aċċettawha kif meħtieġ mill-proċeduri domestiċi rispettivi tagħhom.

Artikolu 13

Durata

1. Sabiex tiġi protetta l-indipendenza ġudizzjarja tat-Tribunal Speċjali u tiġi żgurata l-eżekuzzjoni effettiva tal-mandat tiegħu, il-Ftehim Parzjali Estiż ma għandux ikun soġġett għar-rekwiżit tal-perjodu ta' prova ta' tliet snin speċifikat fil-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni tal-Kumitat tal-Ministri Res(96)36 li jistabbilixxi l-kriterji għal ftehimiet parzjali u estiżi tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Il-Kumitat tal-Ministri jista' jiddeċiedi, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni, li jtemm il-Ftehim Parzjali Estiż.

3. Malli jirċievi notifika mill-President tat-Tribunal Speċjali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat tat-Tribunal Speċjali, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jeżamina l-modalitajiet xierqa għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu residwu biex jieħu post it-Tribunal Speċjali permezz ta' strument internazzjonali separat. Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jirrakkomanda lill-Partijiet għall-Ftehim biex ixolju t-Tribunal Speċjali u jistabbilixxu mekkaniżmu residwu.

4. F'sitwazzjoni kif deskritta fil-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jadotta pjan ta' tranżizzjoni dettaljat fuq rakkomandazzjoni tal-Partijiet għall-Ftehim, tal-Istat ospitanti u tal-President tat-Tribunal Speċjali. Dan il-pjan għandu jkopri b'mod partikolari l-protezzjoni tax-xhieda; is-superviżjoni tal-infurzar ta' pieni; l-ipproċessar ta' talbiet għal rilaxx bikri, interim u finali; il-preservazzjoni tal-evidenza u tar-rekords tat-Tribunal Speċjali; u l-finanzjament. Il-membri u l-membri assoċjati tal-Kumitat ta' Ġestjoni għandhom ifittxu li jikkooperaw biex jiżguraw stralċ ordnat tal-operazzjonijiet tat-Tribunal Speċjali.

Artikolu 14

Soluzzjoni ta' tilwim

Il-membri u l-membri assoċjati għandhom ifittxu li jsolvu kwalunkwe tilwima li tista' tinqala' dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut permezz ta' negozjar jew bi kwalunkwe mezz ieħor ta' soluzzjoni paċifika aċċettat bi ftehim reċiproku bejniethom.

Artikolu 15

Irtirar u tkeċċija

1. Kwalunkwe membru jew membru assoċjat jista' jirtira mill-Kumitat ta' Ġestjoni permezz ta' notifika mibgħuta lis-Segretarju Ġenerali.

2. Is-Segretarju Ġenerali għandu jirrikonoxxi li rċieva n-notifika u jinforma lill-membri u lill-membri assoċjati tal-Kumitat ta' Ġestjoni.

3. L-irtirar ta' membru għandu jidħol fis-seħħ fi tmiem is-sena finanzjarja li fiha jiġi nnotifikat, jekk tali notifika tingħata qabel l-1 ta' Ġunju ta' dik is-sena finanzjarja, jew fi tmiem is-sena finanzjarja ta' wara, jekk in-notifika tal-irtirar tingħata fl-1 ta' Ġunju tas-sena finanzjarja jew wara. L-irtirar ta' membru assoċjat għandu jidħol fis-seħħ mar-riċevuta tan-notifika.

4. F'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolamenti Finanzjarji, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jeżamina l-konsegwenzi finanzjarji tal-irtirar jew tat-tkeċċija ta' membru jew ta' membru assoċjat u għandu jagħmel l-arranġamenti xierqa.

5. Is-Segretarju Ġenerali għandu jinforma minnufih lill-membru kkonċernat dwar il-konsegwenzi tal-irtirar tiegħu f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu.

6. Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jiddeċiedi li kwalunkwe membru jew membru assoċjat li jaġixxi b'mod li ma jkunx konsistenti mal-mandat tal-Kumitat ta' Ġestjoni jew li jimpedixxi l-funzjonijiet tiegħu ma jibqax membru jew membru assoċjat tal-Kumitat ta' Ġestjoni mid-data li jiddetermina l-Kumitat ta' Ġestjoni.

ABBOZZ

Deċiżjoni tar-rappreżentanti fi ħdan il-Kumitat tal-Ministri ta' mill-inqas 16-il Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u r-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea li jadottaw ir-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż

Ir-rappreżentanti fil-Kumitat tal-Ministri ta' [*mill-inqas 16-il Stat Membru*], kif ukoll ir-rappreżentanti tal-[Unjoni Ewropea]:

1. adottaw ir-Riżoluzzjoni CM/Res(202x)x li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna u b'hekk esprimew l-intenzjoni tagħhom li jissieħbu fil-Ftehim Parzjali Estiż, soġġett għat-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa biex jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu fejn applikabbli;

2. qablu li l-Kumitat tal-Ministri, fil-kompożizzjoni tiegħu ristretta għall-Istati/l-Unjoni Ewropea li jkunu nnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jissieħbu fil-Ftehim Parzjali Estiż, u t-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom meħtieġa biex jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu fejn applikabbli, għandhom jiddeċiedu dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Parzjali Estiż ladarba:

   (i) l-Istati/l-Unjoni Ewropea msemmija hawn fuq ikunu laħqu ftehim li l-għadd totali tagħhom, inklużi l-kontributuri ewlenin tal-Ftehim Parzjali Estiż, skont l-iskala tal-kontribuzzjonijiet tiegħu, huwa biżżejjed għal tali dħul fis-seħħ, bil-fehim li dan in-numru jkun ogħla minn 16;

   (ii) iqisu, f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom, il-parametri baġitarji bħala adegwati u aċċettabbli filwaqt li jqisu l-ħidma mwettqa mit-Tim ta' Antiċipazzjoni; u

   (iii) dawk l-Istati/l-Unjoni Ewropea, li huma kontributuri ewlenin tal-Ftehim Parzjali Estiż, skont l-iskala tal-kontribuzzjonijiet tagħhom, qablu mad-dħul fis-seħħ tiegħu.

3. stiednu lis-Segretarjat jirrapporta dwar il-progress tal-ħidma preparatorja tat-Tim ta' Antiċipazzjoni;

4. iddikjaraw li kwalunkwe Stat Membru jew Stat osservatur tal-Kunsill tal-Ewropa, Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali li jinnotifikaw qabel id-dħul fis-seħħ l-intenzjoni tagħhom li jissieħbu fil-Ftehim Parzjali Estiż, bħala membru jew membru assoċjat, u t-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom meħtieġa biex jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu fejn applikabbli, għandhom jitqiesu bħala membru fundatur tal-Ftehim Parzjali Estiż u għandhom ikunu intitolati li jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni;

5. iddeċidew li, f'konformità mal-approċċ gradwali li għandu jiġi adottat għall-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali, il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Tribunal Speċjali għandu jirrevedi l-implimentazzjoni tal-ewwel fażi tat-Tribunal Speċjali skont l-Artikolu 53, il-paragrafu 1, lit. a tal-Istatut tat-Tribunal Speċjali u jiddeċiedi, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu, inklużi l-voti affermattivi tal-kontributuri ewlenin kollha, dwar it-tranżizzjoni għall-fażi 2 tat-Tribunal Speċjali skont l-Artikolu 53, il-paragrafu 1, lit. b tal-Istatut tat-Tribunal Speċjali, inkluża l-approvazzjoni tal-arranġamenti baġitarji u organizzattivi relatati.